# l-aċċent

Ħarġa nru 6
Sajf 2011

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea


## WERREJ


**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta** 1

- Il-partiċella 'xi' 1
- Bil-Kelma t-Tajba 3
- Inkomplu ntejbu xogħolna 3

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija** 4

- In-nassa tal-'proċeduri' u tal-'proċedimenti' 4
- It-termini requirement u provision 7

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra** 8

- Nagħmluha ċara 8
- It-tielet konferenza dwar il-Lingwistika Maltija 9
- Reċensjoni: It-Teżawru 10
- Saydon it-traduttur (1895-1971) 11


*Merħba għas-sitt ħarġa ta'* l-aċċent, *il-bulettin lingwistiku interistituzzjonali. Din il-ħarġa tinkludi diversi artikli interessanti, fosthom dwar it-tifsiriet u l-kuntesti differenti tal-partiċella* ***xi****. F'Marzu li għadda ġie jżurna fil-Lussemburgu l-Viċi President tal-Akkademja tal-Malti, is-Sur George Farrugia, li mexxa seminar iffukat l-aktar fuq l-ortografija. Tistgħu ssibu artikolett li jittratta dan is-seminar.*

*Għandna wkoll żewġ kontribuzzjonijiet interessanti ħafna dwar it-terminoloġija. Waħda hi dwar id-differenza bejn* ***proċeduri*** *u* ***proċedimenti****, filwaqt li l-oħra hi dwar it-termini* ***requirement*** *u* ***provision****. It-tielet taqsima tinkludi artiklu dwar il-kitba ċara, informazzjoni dwar il-konferenza dwar il-lingwistika Maltija, reċensjoni ta' teżawru ġdid u intervista dwar il-Prof. Pietru Pawl Saydon, li jibqa' mfakkar għat-traduzzjoni tal-Bibbja mil-lingwi oriġinali.*

*Ma' din il-ħarġa qed jitqassam ukoll it-tieni suppliment terminoloġiku, li jiffoka fuq il-vetturi.*

*Il-Bord Editorjali*

## BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

**Il-partiċella 'xi'**
Karl Scicluna

Il-partiċella **xi** mhux dejjem iġġib ruħha bħal sħabha l-partiċelli l-oħra. Dan jista' jkun għaliex din il-partiċella tintuża f'diversi kuntesti u għandha aktar minn tifsira waħda.

Il-partiċella **xi** għandha żewġ tifsiriet ewlenin:

1) Meta tintuża bħala pronom bit-tifsira ta' **what**, il-partiċella **xi** titqassar dejjem quddiem kelma li tibda b'vokali, b'konsonanti waħda jew b'sekwenza ta' konsonanti u għ/h. Innutaw dawn l-eżempji:

**X'ajruplan** għadda!
Insejt **x'kont** se nagħmel.
Għidilna **x'fhimt** mil-lezzjoni.
**X'dgħajsa** tixtieq tixtri?

Quddiem kliem li jibda b'żewġ konsonanti, jew aktar, il-partiċella **xi** ma titqassarx. Għalhekk niktbu:

**Xi trid** tixrob?
Għidli **xi smajt** fl-aħbarijiet.
**Xi xtrajt** sabiħ ilbieraħ?
Staqsewh **xi premju** rebaħ.

2) Meta l-partiċella **xi** tintuża bħala aġġettiv indefinit fis-sens ta' numru, **bejn wieħed u ieħor**, jew **madwar** (bl-Ingliż **some** jew **about**) il-partiċella **xi** ma titqassar qatt, għall-ebda raġuni.

Ġbart **xi affarijiet**.
Dawn huma **xi eżempji**.
Għandi **xi ideat**.
Xtara **xi ħaġa**.
Qabdu **xi għasafar**.
Xorob **xi erba'** tazzi ilma.



Disinn ta' Michael Mifsud

MISTOQSIJA: Inkun qed nikteb tajjeb meta nikteb **x'imkien** jew **x'uħud**?

TWEĠIBA: Le, u r-raġunijiet huma tnejn.

Fiż-żewġ eżempji t-tifsira ta' **xi** hija ta' aġġettiv indefinit (**some**) u b'hekk il-partiċella **xi** ma titqassar qatt.

2a) Barra minn hekk, il-frażi **xi mkien** hija magħmula mill-partiċella **xi** + **mkien**. Għaldaqstant, m'għandix għalfejn inqassar il-partiċella biex imbagħad inżid il-vokali tal-leħen. Il-vokali tal-leħen tissejjaħ hekk għax ninqeda biha meta jkolli bżonnha biss, u f'dan l-eżempju nista' faċilment ngħaddi mingħajrha.

2b) Il-frażi **xi wħud** hija magħmula mill-partiċella **xi** + **wħud** (plural ta' wieħed). Hawnhekk ukoll m'għandix għalfejn inqassar il-partiċella biex imbagħad ikolli nibdel il-konsonanti dgħajfa **w** fil-vokali **u** biex nikteb **x'uħud**.

B'hekk, il-kitba korretta għandha tkun:

**xi mkien** ✓ mhux **x'imkien** ✗
**xi wħud** ✓ mhux **x'uħud** ✗

MISTOQSIJA: Tista' l-partiċella **xi** tingħaqad mal-artiklu bħall-partiċelli **ma'**, **ta'**, **sa** u **ġo**?

TWEĠIBA: Le. Il-partiċella **xi** ma tingħaqad qatt mal-artiklu, lanqas meta tkun tfisser **madwar** jew **bejn wieħed u ieħor.** Għalhekk, irridu niktbu:
**Xi l-għaxra** mhux **xil-għaxra**, **xi d-disgħa** mhux **xid-disgħa**, **xi s-sebgħa** mhux **xis-sebgħa**.

MISTOQSIJA: Għaliex niktbu **xi l-mniegħel** u mhux **x'il-mniegħel**?

TWEĠIBA: Il-vokali **i** tal-artiklu hija wkoll vokali tal-leħen. Għaldaqstant, m'għandix għalfejn inneħħi l-vokali **i** biex inqassar il-partiċella biex imbagħad nerġa' nżidha mal-artiklu. B'hekk, mistoqsijiet oħra simili bħal **xi l-mniefaħ trid?**, **xi x-xjaten għamiltli?**, għandhom jinkitbu b'dan il-mod.

MISTOQSIJA: Allura l-partiċella **xi** ma tingħaqad qatt?

TWEĠIBA: L-uniku każ meta l-partiċella **xi** tingħaqad huwa fil-kelma **xħin**.

**X'ħin** u **xħin** jeżistu t-tnejn iżda l-kuntest għandu jindikalna niktbux waħda jew l-oħra.

Meta rrid nistaqsi l-ħin preċiż għandi niktibha mifruda.

Eż. **X'ħin hu**, jekk jogħġbok?
**X'ħin** se niltaqgħu llejla?

Meta **xħin** ikollha tifsira ta' **meta** jew **waqt li** trid tinkiteb magħquda.

Eż. **Xħin** konna qed nieklu, daqq it-telefown.
**Xħin** inlesti dil-biċċa xogħol, immur nistrieħ.

*Is-Sur Scicluna huwa l-President tal-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi u jgħallem l-ortografija l-Università ta' Malta.*

**Bil-Kelma t-Tajba**
Manwel Mifsud

**Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

MISTOQSIJA: Kif għandi nikteb: **għixien** jew **għajxien**?

TWEĠIBA: Ikteb **għajxien**.

SPJEGA: Kulħadd jaf li fil-verbi Maltin, l-aktar fejn jidħlu l-**għ** u l-**h**, jiswielna ħafna li nieħdu l-mudell. Dan mhuwa xejn ħlief mera ta' x'sura kien ikollha l-kelma kieku minflok **għ** jew **h** (li tilfu leħinhom u ma jurukx fejn qegħdin) kien hemm konsonanti oħra li tinstema', ngħidu aħna **r**. Għallmuna tajjeb li, biex ma nitfixklux, infasslu **noqogħdu** fuq **nifirħu** u **qgħadt** fuq **fraħt**.

Il-mudelli jgħoddu mhux għall-verbi biss. Anke għan-nomi. Mela biex nagħżel it-tajba bejn **għixien** u **għajxien**, infittex mudelli oħra. Joħorġu **ħarsien, serħan**, **ħelsien**, u bħalhom **qawmien**, **sajran**, **fejqan** u **dewmien**.

F'dawn kollha, it-tieni konsonanti tal-għerq (anke meta tkun dgħajfa, jiġifieri **j** jew **w**) tinstema' u tinkiteb wara l-ewwel vokali. Mela, bihom bħala mudell, nikteb b'moħħi mistrieħ: **għajxien** u **għajbien**.

*Ħajr lill-Prof. Mifsud, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li jaghtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet.*

~ • ~

**Inkomplu ntejbu xogħolna**
Vanessa Borg

Il-Ħamis 31 ta' Marzu 2011, is-Sur George Farrugia, Viċi President tal-Akkademja tal-Malti u membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, kien mistieden mid-DĠT tal-Kummissjoni Ewropea biex imexxi laqgħa ta' aġġornament lingwistiku mat-tradutturi fid-Dipartiment tal-Malti.

Dan l-eżerċizzju, li dam ġurnata sħiħa, kompla ma' laqgħa simili li saret is-sena li għaddiet. Għal darb'oħra, l-għan ewlieni kien li nanalizzaw xogħolna biex insaħħu dak li diġà qed nagħmlu tajjeb filwaqt li niddiskutu modi kif nistgħu ntejbuh billi nitgħallmu mill-iżbalji tagħna u billi nħarsu lejn ċerti punti lingwistiċi minn perspettiva differenti.

L-ewwel punt li kien diskuss kien il-grammatika preskrittiva. Ħafna drabi t-traduttur ifittex għall-verżjoni t-"tajba" ta' kelma billi jdur lejn il-grammatika jew fuq il-lingwista biex isib spjegazzjoni għaliex tinkiteb mod u mhux ieħor. Madankollu, fil-grammatika mhux dejjem insibu s-soluzzjoni, speċjalment minħabba li l-Malti huwa lingwa li għadha fi żvilupp relattivament bikri meta mqabbla ma' ilsna ikbar. Allura, f'xi każijiet, ikun aħjar li nitkellmu fuq tendenzi.

Il-grammatika deskrittiva (għall-kuntrarju ta' dik tradizzjonali u dik pedagoġika) titkellem proprju dwar it-tendenzi fl-użu mifrux tal-lingwa. Hekk, il-lingwista jindikalna l-preferenzi fl-attribuzzjoni tal-ġens grammatikali, f'dawk li huma kostruzzjonijiet sintattiċi, eċċ.

Is-Sur Farrugia silet eżempji mid-dokumenti tagħna ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* biex jagħti eżempji konkreti ta' dawn it-tendenzi grammatikali. Fir-rigward tas-sintassi, pereżempju, is-Sur Farrugia saħaq fuq l-użu ta' Malti mexxej mingħajr ma nbiddlu s-sens.

B'mod ġenerali, veru li t-traduttur ikollu test li għandu jibqa' leali lejh. Madankollu, dan ma jfissirx li biex ikun fidil lejn il-messaġġ oriġinali t-traduttur ma jistax jitbiegħed sintattikament mit-test oriġinali, għax is-sintassi fil-lingwi mhux dejjem taqbel.

Għalhekk, l-intuwizzjoni tal-kelliem nattiv hija importanti. Bħala eżempju konkret, nistgħu nsemmu l-użu tal-artiklu fil-Malti. Filwaqt li l-Ingliż jgħaddi mingħajr l-artiklu definit anke jekk it-tifsira tkun definita, il-Malti jeħtieġ l-artiklu. Ir-raġuni għal dan hi l-qafas semitiku li minnu tnissel ilsienna.

Punti grammatikali oħra li kienu diskussi kienu l-ġens grammatikali, l-ortografija (il-vokali tal-leħen meta tintuża u meta le, inkluż wara punteġġjatura), il-ġeminazzjoni u l-iżbalji tal-aċċent u l-prefissi. Is-Sur Farrugia ħejja wkoll eżerċizzji tal-ortografija li saret korrezzjoni kollettiva tagħhom.

Fl-aħħar nett, u b'rabta ma' dan kollu, is-Sur Farrugia insista fuq l-użu tal-espressjoni korretta tal-Malti fil-kitba tagħna. It-traduzzjonijiet litterali u l-kostruzzjonijiet kumplessi tas-sentenzi jtellfuna ħafna milli nużaw Malti idjomatiku, tant li jwasslu għal testi tqal u kkumplikati.

Barra minn hekk, hemm it-tentazzjoni li nkunu pronti noħolqu neoloġiżmi meta nkunu nistgħu nfissru ruħna xorta waħda b'espressjonijiet li jkunu diġà jintużaw fil-Malti.

*Ms Borg hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea.*

## KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**In-nassa tal-proċeduri u tal-proċedimenti**
Alan Xuereb u Stephanie Anne Fenech

Riċentement xi wħud mill-kollegi tagħna staqsewna jekk hemmx regola definita dwar it-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti ta' **procedure** u **proceeding**. Din il-kwistjoni lingwistika hija waħda li kuljum tinqala' fl-ambitu legali fid-dipartimenti tal-Malti fl-istituzzjonijiet.

L-ewwel tweġiba li tiġina f'moħħna hija dik li b'mod sempliċistiku imma pjuttost ġustifikat ngħidu li **procedure** għandha tiġi tradotta bħala **proċedura**, u **proceeding** bħala **proċediment**.

Meta jistaqsuna x'inhi d-differenza fl-essenza (jekk hemm) bejn dawn iż-żewġ kunċetti ħafna drabi, b'mod spontanju, ngħidu li l-proċedura hija dak il-mekkaniżmu stabbilit mil-liġi sabiex titwettaq azzjoni legali — il-konkretizzazzjoni miktuba ta' prassi stabbilita — filwaqt li proċediment huwa (iktar) l-implimentazzjoni, l-azzjoni partikolari naxxenti minn dik il-proċedura.



Proċessi? Proċeduri? Proċedimenti? Kif filġuni dal-**** maġistrati!

Madanakollu, mhux kollox hu kif jidher. Mit-tabella ta' hawn taħt wieħed jista' jara l-użu varjat tal-kunċetti ta' proċedura u ta' proċediment f'kuntesti differenti. Minn analiżi *prima facie* ta' din it-tabella jidher ċar li ħafna drabi dawn it-termini huma interskambjabbli. Fil-verżjoni Franċiża jidher li lanqas biss teżisti d-distinzjoni anglosassona — riflessa anki fil-vernakular legali Malti — għax kważi jużaw dejjem l-istess terminu: **procédure**. L-Ingliżi, imbagħad, jidhru li m'għandhomx regola fissa ta' kif u meta jintuża wieħed jew l-ieħor minn dawn it-termini.

| FRANĊIŻ | MALTI | INGLIŻ | REFERENZI |
|---|---|---|---|
| procédure | **proċeduri** | proceedings | FR+MT = Lista tat-terminoloġija tal-Qorti tal-Ġustizzja (LTQĠ) nru 556 |
| procédure contradictoire | **proċedura kontra-dittorja** | adversarial proceedings | LTQĠ nru 557<br><br>EN: Judgment 02.09.2010 – case C-66/09 (patent law) |
| procédure de référé | **proċeduri għal miżuri provviżorji** | interlocutory proceedings | LTQĠ nru.564<br><br>EN: Judgment 10.04.2008 – case C-102/07 (trade marks) |
| procédures de passation des marchés | **proċeduri għall-għoti ta' kuntratti** | procedures for the award of works contracts | LTQĠ nru 573<br><br>EN: *Reference for preliminary ruling 2.07.2009* – case C-274/09 |
| procédure d'opposition | **proċedimenti ta' oppożizzjoni (trade marks)** | opposition proceedings | LTQĠ nru 559<br><br>EN: Order 10.07.2009 –<br><br>Case C-416/08 P |
| procédure de déchéance | **proċedimenti ta' revoka (trade marks)** | proceedings for the revocation | LTQĠ nru 560<br><br>EN: Commission Regulation (EC) No 2868/95 |
| procédure de nullité | **proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità (trade marks)** | proceedings for invalidity | LTQĠ nru 562<br><br>EN: Order of the Court of 24.09.09 – *Bateaux mouches vs OHIM*, Case C-78/09 P) |
| procédure de recours | **proċedimenti ta' appell (trade marks)** | review procedure | LTQĠ nru 563<br><br>EN: Reference for a preliminary ruling – Case C-129/09 |

Dwar din it-tabella, forsi wieħed jista' jinnota wkoll li fil-każ ta' **trade marks** u ta' **bankruptcy proceedings** wieħed juża l-kelma **proċediment**, kif jidher ċar mill-eżempji mogħtijin, meħuda mill-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/mt/index.htm), u li jirriflettu wkoll il-lista tat-terminoloġija tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

**Proċediment ta' Falliment**

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tielet Awla) tat-3 ta' Marzu 2011[1] naraw li fil-paragrafu 53 il-Qorti stabbiliet kif ġej:

[1] *David Claes* (C-235/10), *Sophie Jeanjean* (C-236/10), *Miguel Rémy* (C-237/10), *Volker Schneider* (C-238/10) u *Xuan-Mai Tran* (C-239/10) vs *Landsbanki Luxembourg SA*.

**(EN)** "53 In an insolvency, the legal personality of the establishment whose dissolution and winding up have been ordered by a judicial decision exists for limited purposes only, in particular for the requirements of that *procedure* and until the publication of the accounts for the closure of the *liquidation procedure*. Nevertheless, such an establishment has a duty, up until the moment when its legal personality definitively ceases to exist, to fulfil the obligations incumbent on employers under Articles 2 and 3 of Directive 98/59 "

**(FR)** "53 En cas d'insolvabilité, la personnalité morale de l'établissement dont la dissolution et la liquidation sont ordonnées par une décision de justice n'existe que pour des fins circonscrites, notamment pour les besoins de cette *procédure* et jusqu'à la publication des comptes de la clôture *des opérations de liquidation*. Cependant, un tel établissement est tenu, jusqu'à la date de la cessation définitive de l'existence de sa personnalité morale, de s'acquitter des obligations prévues aux articles 2 et 3 de la directive 98/59 et incombant à l'employeur."

**(MT)** "53 F'każ ta' insolvenza, il-personalità ġuridika tal-istabbiliment li tiegħu ġew ordnati x-xoljiment u l-istralċ permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja teżisti biss għal skopijiet limitati, b'mod partikolari għall-ħtiġijiet ta' din *il-proċedura* u sal-pubblikazzjoni tal-kontijiet tal-għeluq *tal-proċedura tal-istralċ*. Madankollu, tali stabbiliment huwa marbut, sad-data tat-tmiem definittiv tal-eżistenza tal-personalità ġuridika tiegħu, li jwettaq l-obbligi previsti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 imposti fuq min iħaddem"

**Trade marks**

Fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali fil-kuntest tat-trade marks insibu dan li ġej:

**(EN)** Case T-385/09: Judgment of the General Court of 17 February 2011 — Annco v OHIM — Freche et fils (ANN TAYLOR LOFT) (Community trade mark — *Opposition proceedings* — Application for the Community word mark ANN TAYLOR LOFT — Earlier national word mark LOFT — Relative ground for refusal — Likelihood of confusion — Article 8(1)(b) of Regulation (EC) No 207/2009).

**(FR)** Affaire T-385/09: Arrêt du Tribunal du 17 février 2011 — Annco/OHMI — Freche et fils (ANN TAYLOR LOFT) [«Marque communautaire — *Procédure d'opposition* — Demande de marque communautaire verbale ANN TAYLOR LOFT — Marque nationale verbale antérieure LOFT — Motif relatif de refus — Risque de confusion — Article 8, paragraphe 1, sous b), du règlement (CE) n ° 207/2009»].

**(MT)** Kawża T-385/09: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2011 — Annco vs UASI — Freche et fils (ANN TAYLOR LOFT) ("Trade mark Komunitarja — *Proċedimenti ta' oppożizzjoni* — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ANN TAYLOR LOFT — Trade mark verbali nazzjonali preċedenti LOFT — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009").

**Konklużjoni**

Huwa ċar li din il-kwistjoni mhix solvuta kompletament. Għaldaqstant, għandha tittieħed deċiżjoni kemm jista' jkun interistituzzjonali dwar l-użu ta' dawn iż-żewġ termini. Id-diskussjoni ma tiqafx hawnhekk. Anzi, nipproponilkom terminu ieħor li fih x'tixtarr: **économie de procédure/économie procédurale**. Fil-lista tat-terminoloġija tal-Qorti tal-Ġustizzja dawn huma tradotti — it-tnejn li huma — bħala "ekonomija tal-ġudizzju".

*Dr Xuereb u Dr Fenech ġuristi lingwisti mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.*

~ • ~

**It-termini 'requirement' u 'provision'**
Lorna Saliba

Xi drabi l-kelmiet **requirement** u **provision** ikunu problematiċi. Dan l-aħħar, waqt it-traduzzjoni ta' dokument, telgħet din is-sentenza mill-memorja:

> The exporter applying for the issue of a movement certificate EUR.1 shall be prepared to submit (…) all appropriate documents proving the originating status of the products concerned as well as the fulfilment of the other **requirements** of this Annex.
>
> L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jkun ippreparat sabiex iressaq (...) id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati kif ukoll li l-**ħtiġijiet** l-oħra ta' dan l-Anness ġew issodisfati.

Tiftixa bażika hija biżżejjed biex wieħed jagħraf li t-traduzzjoni hi ħażina. Fid-dizzjunarju ta' Aquilina (Volum 3), il-kelma **requirements** hija tradotta **kondizzjonijiet** u mhux **ħtiġijiet**. Aquilina jagħti wkoll il-kelma **bżonn**, iżda f'kuntest differenti (jiġifieri fejn l-użu tal-kelma **kondizzjonijiet** ma jkunx tajjeb).

L-eżempju li jagħti Aquilina huwa dan:

> Our immediate **requirement** is financial help.
> Il-**bżonn** tagħna immedjat huwa għajnuna finanzjarja/tal-flus.

Jekk inżommu mal-eżempju ta' fuq biex noħorġu d-differenza bejn il-**ħtieġa** jew il-**bżonn** u l-**kondizzjoni** jew ir-**rekwiżit**, nistgħu ngħidu li **hemm bżonn** li l-esportatur jagħmel ċerti affarijiet biex jinħariġlu ċertifikat u li dan il-bżonn ġie espress bil-miktub f'forma ta' **kondizzjonijiet** jew **rekwiżiti**, li l-esportatur għandu jissodisfa, fl-Anness.

Dan jgħodd ukoll għall-kelma **provision**, li filwaqt li xi drabi tkun qed tintuża fis-sens legali ta' **dispożizzjoni**, drabi oħra tintuża sempliċement fis-sens ta' **forniment ta' xi ħaġa**. Dawn iż-żewġ eżempji ta' taħt juru ż-żewġ użi differenti tal-kelma **provision**:



> a) However, without prejudice to paragraph 2, this **provision** shall not apply to the temporary importation procedure with partial relief from duties.
>
> Għalhekk, bla ħsara għall-paragrafu 2, din **id-dispożizzjoni** ma għandhiex tapplika għall-proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni parzjali mid-dazji.
>
> b) Whereas **provision** should be made for the possibility for the governments to take the appropriate measures in case of such disasters,the **provision** of constant aid should reduce their frequency.
>
> Filwaqt li għandu jkun hemm **dispożizzjoni** li tagħti l-possibbiltà lill-gvernijiet li jieħdu l-passi meħtieġa fil-każ ta' diżastri bħal dawn, l-**għoti** ta' għajnuna kostanti għandha tnaqqas il-frekwenza tagħhom.

Għalkemm mill-eżempji ta' hawn fuq id-distinjoni fl-użu ta' dawn il-kelmiet hija pjuttost ċara, jista' jkun li f'każijiet oħra din id-differenza tkun waħda iktar sottili b'mod li tista' twassal għal żbalji fit-traduzzjoni.

*Ms Saliba hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea.*

### *Stedina għal kontributi*

Din it-taqsima sservi biex nittrattaw aspetti terminoloġiċi li spiss jippreżentawlna diffikultà waqt it-traduzzjoni. Nistednukom biex meta tiltaqgħu ma' problemi bħal dawn, tikkontribwixxu permezz ta' artikli qosra li jistgħu jservu ta' għajnuna jew biex jagħtu spunt għal diskussjoni.

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti Oħra*

**"Għandu jkollna rispett lejn il-Malti fl-identità tiegħu u nużaw Malti naturali, ċar u li jinftiehem. Ma rridux li f'xogħolna lsienna nagħmlu minnu verżjoni tradotta ta' lingwa oħra."**

*Il-Prof. Albert Borg, waqt seminar għat-tradutturi fil-Lussemburgu, 14/12/2010*

## Nagħmluha ċara

Alan Delia

Jien u nistenna fil-kju fl-Uffiċċju tal-Passaporti f'Malta biex inħallas għal passaport ġdid, għajnejja waqgħu fuq din in-nota li kienet imwaħħla f'post prominenti:




Għal ftit sekondi bqajt ftit perpless, u matulhom kont għadni ma fhimtx li dik in-nota kienet tindirizza lili u lil min kien fil-kju miegħi, u li kienet qed tagħtini biċċtejn informazzjoni li kont se niġi bżonnhom fi ftit ħin. Minflok din is-sentenza minfuħa, l-awtur seta' uża Malti aktar sempliċi u kien jilħaq l-iskop tiegħu minnufih: "Nippreferu li tħallas b'ċekk jew debit/credit card. Jekk se tħallas bil-kontanti, jekk jogħġbok ara li jkollok eżatt."

Il-fenomenu tal-kitba pedantika mhuwiex wieħed li ssibu biss fl-uffiċini tal-Gvern f'Malta. Kull fejn tħares, tista' ssib tużżani ta' eżempji ta' kitba b'libsa formali u pompuża li tostor il-messaġġ minflok tagħmlu aktar evidenti. Mhux faċli li tikteb sempliċi, trid taħseb sew dwar x'se tgħid u lil min tkun se tindirizza. Il-benefiċċju hu li l-qarrejja tiegħek, li jippreferu kitba ċara u diretta, se jifhmuk aktar malajr.

F'xogħolna ta' tradutturi, fejn il-komunikazzjoni hija l-qofol ta' dak li nagħmlu, il-kitba ċara hi ta' importanza fundamentali mhux biss biex inwasslu l-messaġġ ta' ħaddieħor imma wkoll biex inwasslu messaġġ dwarna nfusna: li aħna nies serji li nafu x'qed nagħmlu.

Wieħed mill-għanijiet tal-kampanja tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kitba ċara hu li din ittejjeb l-immaġni tal-UE permezz ta' kitba li tinftiehem minnufih.

Din il-kampanja intrabtet bl-impenn li l-kitba ċara ssir parti integrali mill-kultura tal-Kummissjoni (http://www.cc.cec/DGT/theme/news.cfm?action=detail&id=2592&start=13). Il-pubblikazzjoni ***Kif Tikteb Ċar*** (http://ec.europa.eu/translation/writing/clear_writing/how_to_write_clearly_mt.pdf), li hi parti minn din il-kampanja, tinkludi pariri siewja ħafna għalina u għal kull min juża l-lingwa miktuba.

Hu minnu li n-natura ta' ċerti dokumenti tippreżenta limitazzjonijiet fuq kemm wieħed jista' jimmanipula t-test biex jagħmlu aktar sempliċi. Mhux lakemm taqsam sentenza minn xi liġi jew direttiva, biex tagħmilha aktar mexxejja.

Fil-liġijiet, b'mod partikolari, hu mandatorju li f'kull lingwa, in-numru ta' sentenzi jkun l-istess, biex tiġi evitata konfużjoni jekk xi darba ssir referenza għal sentenza jew frażi partikolari. Biss dawk li jidhru bħala limitazzjonijiet, għandna narawhom bħala parametri li fi ħdanhom nistgħu noperaw. Hu minnu wkoll li ċerti frażijiet f'liġi ma tistax sempliċiment tibdilhom bi frażijiet oħra li jfissru l-istess. Imma l-frażijiet li huma verament tekniċi mhumiex fil-maġġoranza. Il-biċċa l-kbira huma frażijiet b'tifsira ordinarja li għandhom biss riħa legali u jistgħu jinbidlu faċilment.

Fl-Ingilterra teżisti *Kummissjoni dwar il-Lingwa Sempliċi*. Xogħolha hu li tipprovdi servizzi editorjali u ta' taħriġ fil-qasam tal-lingwa ċara. Id-direttur tagħha, Martin Cutts, hu l-awtur tal-ktieb 'Oxford Guide to Plain English', li fuqu hu bbażat dan l-artiklu. Dan ix-xogħol jinkludi diversi suġġerimenti prattiċi dwar kif wieħed jista' jikteb ċar f'kuntesti differenti u anke dwar kif wieħed għandu jirrevedi xogħol ħaddieħor.

Il-ktieb jittratta temi bħall-biża' mit-terminoloġija legali, l-importanza ta' punteġġjatura tajba, kif wieħed jeditja u jirrevedi kitba ta' ħaddieħor, l-użu ta' lingwaġġ ċar għall-internet u l-punti bażiċi ta' dak li jikkostitwixxi preżentazzjoni ċara ta' dokument, fost l-oħrajn. Is-suġġerimenti għal kitba ċara jinkludu l-ekonomija fil-kliem, il-preferenza lill-forma attiva fuq dik passiva, l-użu ta' verbi ħfief mimlija ħajja, u l-użu ta' struttura li taqdi l-ħtiġijiet tal-qarrej.

L-'Oxford Guide to Plain English' hu disponibbli mil-Librerija tal-Kummissjoni: (http://www.cc.cec/DGT/library/)

*Is-Sur Delia huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea u Korrispondent tal-Librerija tad-Dipartiment tal-Malti.*

~ • ~

**It-tielet konferenza dwar il-Lingwistika Maltija**

Michael Apweiler

L-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija (GĦILM) twaqqfet f'Ottubru 2007, fuq l-inizjattiva tal-Professur Thomas Stolz mill-Università ta' Bremen, il-Ġermanja.

L-ewwel u t-tieni konferenza saru fi Bremen stess, u għadha kif saret it-tielet, f'post storiku u tassew adattat: l-Aula Magna tal-Università Qadima ta' Malta, il-Belt Valletta. Parti mill-programm saret f'Dar l-Ewropa, fil-binja tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew, li wkoll tinsab il-Belt.



Bħad-darbtejn ta' qabel, il-programm kien varjat u mill-iktar interessanti. Kien hemm, pereżempju, taħditiet b'suġġetti bħal "*It-tlieta li aħna*" (Stolz), "*The direction of derivation between nouns and adjectives*" (Plank), "Fixing the broken plural in Maltese" (Mayer, Spagnol u Schoenhuber), "*From 'lingwa tal-kċina' to laboratory for language*" (Vella u Seychell), "*The Sfaxi (Tunisian) lexical element in Maltese*" (Zammit), u bosta oħrajn, li wieħed jista' jara fil-programm uffiċjali (http://www.um.edu.mt/linguistics/lingwistika2011/conference_programme).

Fost il-parteċipanti kien hemm professuri u studenti mill-Università ta' Malta, akkademiċi mir-Renju Unit, Franza, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Ġermanja, tradutturi mill-Kummissjoni Ewropea (Flavia Chetcuti, Mark Vella, Reuben Seychell) u mill-Parlament Ewropew, u ħafna oħrajn.

Wara xi erba' snin, din il-konferenza llum hija element stabbilit tar-riċerka lingwistika tal-Malti. L-GĦILM tippubblika mhux biss il-minuti tal-konferenzi u l-laqgħat tal-Għaqda, iżda wkoll ***ILSIENNA – Our language***, ġurnal lingwistiku, u ***IL-LINGWA TAGĦNA***, serje li takkumpanja l-ġurnal ***ILSIENNA***, kif ukoll papers fuq diversi aspetti tal-qasam.

Għalija, din il-konferenza kienet opportunità biex niltaqa' ma' bosta Maltin (u oħrajn mhux Maltin) li ħafna minnhom sirt nafhom tul iż-żmien li ilni nitgħallem il-lingwa, fosthom numru ta' nies li issa nista' nsejħilhom ħbieb. U aspett mhux negliġibbli: nista' nitkellem bil-Malti (għalkemm hu veru li fl-istituzzjonijiet tal-UE wkoll hawn ħafna opportunitajiet li nagħmel dan). U anki jekk m'iniex akkademiku tal-Lingwistika, u parti kbira mit-taħditiet kienu speċjalizzati wisq għalija, dejjem nista' nitgħallem xi ħaġa, u niskopri aspetti ġodda tal-Malti.

Aktar minn hekk, din id-darba ġejt intervistat mit-televiżjoni Maltija – bil-Malti!

*Is-Sur Apweiler huwa traduttur Ġermaniż mal-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu.*

~ • ~

**Reċensjoni: It-Teżawru**
Mark Vella

'It-Teżawru' ta' Albert Agius reġa' ħareġ f'edizzjoni aġġornata u mkabbra wara li deher għall-ewwel darba fl-2000. Fl-istess sena wkoll, kien ħareġ 'Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru tal-Malti Mħaddem' ta' Mario Serracino Inglott. Lil hinn mill-koinċidenza tas-snin, il-ħruġ ta' xogħlijiet bħal dawn jixhed l-għatx li għad hemm f'diversi oqsma tal-lingwa biex il-Malti jikseb id-dinjità mhux biss bil-proklamazzjonijiet ideoloġiċi, iżda b'sisien akkademiċi li fuqhom jista' jkompli jinbena u jiġi studjat. Il-Malti, anki f'oqsma bħal dawn, għadu jbati minn żvantaġġ storiku, fis-sens li għadu nieqes minn bosta għodda u pubblikazzjonijiet li ilhom ħaġa komuni għall-bqija tal-ilsna.

Pubblikazzjonijiet bħal dawn isiru aktar essenzjali fid-dawl tal-ħidma tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni fl-Istituzzjonijiet Ewropej. Għadna 'l bogħod ħafna minn apprezzament xieraq tal-mod kif intlaqtet id-dinja tal-ilsien Malti bl-inklużjoni tiegħu bħala lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-volum enormi ta' kontenut iġġenerat mill-Istituzzjonijiet ifisser li l-Malti jkollu jaffronta sfidi lingwistiċi li qatt ma kellu jaffrontahom tul eluf ta' snin, u għalhekk il-ħidma speċifika tagħna tħaddem l-ilsien għal skopijiet partikolari ħafna li jmorru lil hinn mil-lingwa għall-użu ġenerali li lkoll tgħallimna.




Teżawru, għalhekk, huwa għodda essenzjali biex wieħed jagħmel dak il-pass meħtieġ mil-lingwa bażika tal-komunikazzjoni komuni għal-lingwa speċifika u speċjalizzata li jitolbu t-testi tal-Unjoni Ewropea. Il-ktieb ta' Agius jista' jitqies bħala għodda mill-aktar siewja f'dan il-każ, għaliex l-entrati tiegħu huma eżawrjenti u jipproponu kemm jista' jkun possibiltajiet ta' sinonimi u antonimi. Dan isir ukoll bis-saħħa ta' politika lingwistika-editorjali inkluživa u li tħares lejn l-ilsien fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, mill-istoriku u l-arkajku sal-kontemporanju, b'tali mod li t-teżawru jista' jservi lil utenti diversi, mill-kittieb kreattiv sat-traduttur, l-interpretu u kull min juża l-lingwa b'mod immirat.

Għall-ottika tagħna ta' ħaddiema tal-Malti barra minn pajjiżna, interessanti l-fatt li dan huwa ktieb miktub minn emigrant. Lil hinn mill-imħabba għal ilsien pajjiżu, hawnhekk

għandna eżempju ta' xi ħadd li, x'aktarx bħalna, ra l-ilsien minn barra, forsi b'inqas kuntatt mill-kelliem Malti f'Malta, iżda forsi wkoll b'nuċċali ġdid li jġiegħlek tħares lejn il-lingwa skont il-ħtiġijiet usa' tagħha.

Bħalma aħna sikwit nissieltu biex bħallikieku nġeddu l-Malti u nsaħħuh sabiex ikun kapaċi jilqa' għall-isfidi ta' dinja li għadha ġdida għalih, l-istess dan it-teżawru jirfed l-istudji tal-Malti u jipprovdi għodda speċjalizzata oħra biex niktbu lsienna b'mod li jixraq lid-dinja tal-lum.

*Is-Sur Vella huwa l-Kap tal-Unità 2 tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea.*

~ • ~

**Saydon it-traduttur (1895-1971)**
Ivan Said



Il-Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon, li ddedika tletin sena minn ħajtu jaqleb il-Bibbja kollha għall-Malti mil-lingwi oriġinali, f'Marzu li għadda għalaq 40 sena mejjet.

Saydon twieled fl-1895 fiż-Żurrieq u kien ordnat qassis fl-1919 wara li studja fis-seminarju u fl-Università Rjali ta' Malta. Kompla bl-istudji fl-Istituto Biblico ta' Ruma. Bejn l-1931 u l-1964 kien professur tal-Kotba Mqaddsa u tal-Lhudi fl-Università Rjali ta' Malta. Kien il-president tal-Għaqda tal-Malti (Università) bejn l-1931 u l-1941.

Saydon kien rispettat ħafna f'Malta u fl-Ewropa, speċjalment qalb il-Biblisti u l-esperti tal-lingwi Orjentali. Kien jitkellem b'ħafna lingwi fosthom l-Għarbi, l-Aramajk u s-Sirjan, flimkien mal-lingwi ewlenin Ewropej. Kien jaf b'mod impekkabbli l-Latin. Fl-1966, l-Università Rjali ta' Malta tatu d-Dottorat fil-Letteratura (*Honoris Causa*). Il-Biblista l-Mons. Karm Sant, student u ħabib ta' Saydon, jirrakkonta li: "Ix-xogħol tiegħu [ta' Saydon] tal-Bibbja nistgħu ngħidu li beda fl-1920. Meta ġie minn Ruma, Alfons Marija Galea u Pietru Pawl Grima milli jidher ftiehmu ma' Saydon sabiex bejniethom it-tlieta jittraduċu l-Bibbja kollha mill-bidu sal-aħħar. Milli jidher qassmu x-xogħol b'mod li Saydon ħa l-bidu tal-Bibbja u l-oħrajn il-bqija. Saydon beda jittraduċi l-Ġenesi mill-Ebrajk (mil-Lhudi) filwaqt li l-oħrajn ma kinux jafu bil-Lhudi. [...] Però sal-1932 kienu dawn it-tlieta li flimkien ittraduċew il-Bibbja kollha kemm hi [...] Saydon baqa' sejjer bix-xogħol tiegħu mill-Grieg u mill-Ebrajk sakemm fl-1958 ittraduċa l-Bibbja kollha."[1]

Sergio Grech iqis lil Saydon bħala "eċċezzjoni fil-kleru Malti ta' dik il-ħabta" u jiddeskrivi l-ħajja ta' Saydon bħala "konfront kontinwu: konfront mhux biss ma' ċertu element politiku imma fuq kollox ma' dak ekkleżjastiku."[2]

Is-Sur Carmel Bezzina, l-awtur tal-ktieb 'Saydon – Biblista u studjuż tal-Malti' tana din l-intervista:

***Mistoqsija (M):*** Int taf sew lil Saydon mir-riċerka. Iżda qatt iltqajt miegħu? Tafu bħala personalità pubblika? Kif tiftakru?

***Tweġiba (T):*** Meta miet Saydon kont għadni żagħżugħ ta' għoxrin sena, student l-Università. Jisgħobbija ngħid li lil Saydon ma kontx nafu u qatt ma rajtu. Kont midħla ħafna ta' kitbietu, prinċipalment it-traduzzjoni Biblika tiegħu, billi fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) minn dejjem din il-verżjoni użajna fit-tagħlim tad-duttrina, iżda b'xorti ħażina jkolli nistqarr li personalment qatt ma ltqajt ma' Saydon wiċċ imbwiċċ.

[1] "Diskors tal-għeluq f'għeħ il-Prof. P. P. Saydon mir-Rev. Prof. Dun Karm Sant", Leħen il-Malti, Sena LX, Għadd 27, (Malta: L-Għaqda tal-Malti (Università), 1991,) 20-22.
[2] Sergio Grech, "L-Element tal-Konfront f'Monsinjur Pietru Pawl Saydon", Il-Malti, Ħarga LXXIX (Malta, L-Akkademja tal-Malti – Klabb Kotba Maltin, 2007), 63-79.

***M:*** Huwa ġust li niftakruh l-aktar, jekk mhux biss, bħala t-traduttur tal-Bibbja?

***T:*** Li lil Saydon niftakruh kważi esklużivament bħala dak li qaleb għall-Malti l-Kotba Mqaddsa mill-ilsna oriġinali huwa ġust sa ċertu punt biss. Huwa minnu li t-traduzzjoni biblika hija l-*magnum opus* tiegħu. Iżda, min-naħa l-oħra, Saydon ħallielna għadd kbir ta' xogħlijiet ta' natura lingwistika u letterarja li jkun dnub jekk inwarrbuhom fil-valutazzjoni ta' dan il-personaġġ. Ix-xogħlijiet lingwistiċi tiegħu, ngħidu aħna, jixhdu l-livell akkademiku għoli ta' Saydon hekk li nistgħu nqisuh, bla ma niżbaljaw, fost l-istudjużi ewlenin tal-lingwistika li pproduċa pajjiżna.

***M:*** X'sehem kellu Saydon biex il-Malti jsir l-ilsien nazzjonali? X'saram ġabitlu l-għlieda tiegħu favur il-Malti?

***T:*** Aspett ieħor importanti ta' Saydon fil-qasam tal-Malti huwa l-kontribut tiegħu fil-għlieda sakemm il-Malti kiseb drittijietu bħala l-ilsien nazzjonali tal-pajjiż. Fl-1931, fl-eqqel ta' dik li baqgħet magħrufa bħala l-Kwistjoni tal-Lingwa, Saydon kien minn ta' quddiem nett fit-twaqqif tal-Għaqda tal-Malti (Università), u ma ddejjaqx jidentifika ruħu mal-kawża tal-Malti minkejja li dan m'għenux biex jimxi 'l quddiem fil-karriera akkademika tiegħu. Għamel snin twal editur tar-rivista *Leħen il-Malti*, l-organu uffiċjali tal-Għaqda. L-editorjali li kiteb tul dawn is-snin jikxfu l-attitudni militanti tiegħu fid-difiża u l-promozzjoni tal-Ilsien Malti.

***M:*** Xi grammatika ppropona Saydon għall-Malti?

***T:*** Bħala prinċipju, Saydon kien jimxi fuq il-grammatika tal-Malti kif imfassla mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (aktar tard magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti) fit-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija, maħruġ fl-1924. Kien hemm xi aspetti ta' din il-grammatika li Saydon ma qabilx magħhom, u għal dan kellu r-raġunijiet tiegħu – raġunijiet b'saħħithom, imsejsin fuq argumenti xjentifiċi. Iżda bħala regola kien jimxi mal-grammatika uffiċjali tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

***M:*** X'karatteristiċi partikolari (lessikali, sintattiċi, letterarji) għandha t-traduzzjoni tal-Bibbja ta' Saydon?

***T:*** L-ewwel nett irid jingħad li din it-traduzzjoni trid titqies fil-kuntest ta' żmienha: żmien meta l-Malti kien fil-proċess li jisseddaq bħala lsien awtonomu, l-ilsien ta' poplu b'identità proprja. Għaldaqstant il-kittieba tal-Malti kienu jagħmlu dak kollu li jistgħu biex il-Malti jħarsuh mit-'tniġġis' ta' ilsna barranin u jippreservawlu s-safa tiegħu. Saydon kien jemmen li l-Malti jkun fl-aqwa tiegħu meta jżomm il-karatteristiċi tiegħu ta' lsien Semitiku. Il-lessiku tat-traduzzjoni ta' Saydon huwa, fil-qofol tiegħu, lessiku semitiku. Fil-binja tas-sentenza wkoll kien ifittex li jżomm is-sintassi Semitika, bil-verb jiġi qabel is-suġġett bħalma nsibu fl-Għarbi u f'ilsna oħra Semitiċi. Karatteristiċi oħra li jikkontribwixxu għall-ġmiel letterarju tal-kitba tal-Prof. Saydon huma l-frażjoloġija u l-idjoma li, waqt li tkun qed taqra, ma tistax ma tħossx dik il-ħlewwa u l-mużikalità li jagħmlu din it-traduzzjoni xogħol verament letterarju.

*Is-Sur Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: l-accent@ec.europa.eu

***Koedituri****: Alessandro Mangion u Louise Vella*

***Distribuzzjoni****: Rowena Schranz u Maryann Agius*

***Impaġnar****: Chris Galea u Alan Delia*

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni, u lanqas is-servizzi tagħha, ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*